# ID-DAWL

ĠUNJU 2020 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 30

"Tassew, jistagħna verament min jippurifika lilu nnifsu."



Il-Moderazzjoni | Il-Kuntentizza Vera | Ir-Relazzjoni m'Alla | L-Arroganza

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# IBQGĦU TBISSMU

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

Il-Qdusija Tiegħu, Mirża Masroor Aħmad, il-Mexxej Spiritwali Dinji tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana ġie mistoqsi minn tifel kif isib il-ħin biex jistrieħ u jagħmel affarijiet oħra waqt li jimmaniġġja l-iskeda bieżla ħafna tiegħu.

Il-Qdusija Tiegħu stqarr, "Jiena naħdem fl-uffiċċju tiegħi u nlaħħaq ma' xogħol ieħor ukoll, bħal nisma' l-aħbarijiet."

Huwa żied, "Kollox jinsab fil-moħħ; jekk raġel jitgħażżen u jgħid li ma jorqodx biżżejjed, mela xejn ma jitwettaq. Tridu tkunu sodi u tgħidu lilkom infuskom li tridu tagħmlu dan u dak ix-xogħol." Hu kompla jgħid:

**"Ibqgħu tbissmu dejjem; dan iżommkom attivi."**

## ID-DAWL

Ġunju 2020 – Numru 30 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Tel:** 27 342 401 | **Mob:** 79 320 139
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

## INDEX

Adopt Moderation 3
Inviting People to Allah 3
True Happiness 4
Relationship with God 6
Arrogance 8

Aqra **"ID-DAWL"** onlajn fuq: **www.ahmadiyya.mt/id-dawl**
**Indirizz: Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira**
Ritratt tal-Qoxra: Roschetzky Photography | Shutterstock

# IL-MODERAZZJONI

Ħażrat Abu Musa, Alla jkun sodisfatt bih, jirrakkonta:

"Darba waqt li konna qed nivvjaġġaw mal-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem u l-barkiet t'Alla fuqu, in-nies bdew jgħajtu, *'Allahu Akbar!'* (Alla huwa l-Aqwa). Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] qal:

'Nies! Adottow daqsxejn moderazzjoni. M'intomx qed tindirizzaw xi wieħed trux jew mitluf. Qed tindirizzaw lil Dak Li Jisma' Kollox, Dejjem Preżenti u li diġà qiegħed magħkom.'" (*Sahih Muslim*)

# L-ISTEDINA TAN-NIES LEJN ALLA

Ħażrat Abu Ħurairah, Alla jkun sodisfatt bih, jirrakkonta li l-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem u l-barkiet t'Alla fuqu, qal:

"Persuna li tistieden lin-nies għall-verità jirċievi premju simili għall-premju ta' dawk kollha li jħaddnu l-verità (bis-saħħa tal-istedina tiegħu), filwaqt li xejn ma jitnaqqas mill-premjijiet tagħhom. Bl-istess mod, persuna li tħajjar lill-oħrajn għad-dnub iġġorr it-toqol tad-dnubiet kollha mwettqa bl-istigazzjoni tiegħu, filwaqt li xejn ma jitnaqqas mill-kastig ta' dawk li wettqu d-dnubiet." (*Sahih Muslim*)

# IL-KUNTENTIZZA VERA

Kull persuna fid-dinja tħobb il-kuntentizza u l-prosperità. Xi jfisser u jinftiehem bl-hena u l-prosperità? M'hemmx dubju li jeżistu diversi interpretazzjonijiet imma għal ħafna nies din hija limitata għall-kisbiet dinjija.

Madankollu, hemm l-esperjenza tal-ferħ u l-prosperità spiritwali li hija ferm aħjar mill-kisbiet materjalistiċi. Hija din it-tip ta' prosperità partikolari li wieħed għandu jfittex li jilħaq.

Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad[as], il-Messija Mwiegħed, il-Maħdi u l-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya, jispjega t-tifsira tal-kuntentizza vera u jgħid:

**"Persuna li għandha l-biża' t'Alla tista' ssib aktar kuntentizza f'għarix milli persuna tad-dinja, li tkun ilsira tar-regħba u l-kisba, tista' qatt issib anki f'kastell meraviljuż. Aktar ma persuna tad-dinja takkwista ħwejjeġ materjali ta' din il-ħajja, aktar timtela b'sofferenzi. Għaldaqstant, ftakru li l-veru wens u sodisfazzjon ma jinkisbux min-nies ta' din id-dinja. Tkunux żgwidati li temmnu li ħafna rikkezzi, ilbies għali u eleganti, u ikel grandjuż iġibu l-kuntentizza. Assolutament le. Il-kuntentizza vera tiddependi mill-onestà biss."**[(i)]

Il-bniedem jirċievi l-kuntentizza spiritwali biss permezz tal-Grazzja t'Alla, u Huwa pprovda modi u mezzi li bihom wieħed jista' jirċievi dan ir-rigal mingħandu. Huwa l-mod t'Alla li Hu jgħin lil dawk li jgħinu lilhom infushom. Meta bniedem tibda l-mixja tiegħu lejn Alla u l-ispiritwalità, Alla jurih it-triq is-sewwa, it-triq it-tajba. Alla jgħid fil-Koran Imqaddes:

**"Huma dawk li jsegwu l-gwida mingħand Sidhom, u huma dawk li għandhom jirnexxu."** (31: 6)




**"Imma min jindem, u jemmen, u jagħmel għemejjel ġusti, forsi hu se jkun fost l-għonja."** (28:68)

**"Tassew, jistagħna verament min jippurifika lilu nnifsu."** (87:15)

Rekwiżit ieħor biex tintlaħaq il-prosperità u l-hena spiritwali huwa l-purifikazzjoni fil-ħsieb, il-kelma u l-att.

Huwa minnu li ħadd mhu perfett imma wieħed għandu jistinka u jkun dejjem attent fiż-żamma tal-imġiba u l-attitudni tiegħu lejn kulħadd u għal kollox mingħajr difetti. Wieħed għandu jeħles minn kull forma ta' riżentiment, malizzja, kburija, vendetta, għira, inġustizzja, stmerrija u kull tip ta' ħażen lejn l-oħrajn. Min-naħa l-oħra, wieħed għandu jikkultiva sentimenti ta' mħabba, tjubija, simpatija, tolleranza, umiltà, paċenzja, karità, ġustizzja, korteżija, għajnuna, fehim u mġiba tajba.

(i) *Malfużat*, vol. 1, p. 280

# IR-RELAZZJONI M'ALLA

Hija użanza komuni li meta wieħed ikun irid juri s-sodisfazzjon tiegħu jew jiġbed l-attenzjoni għal xi ħaġa partikolari wieħed iċapċap b'idejh u l-Għarab kienu jsegwu l-istess prattika.

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa], madanakollu, tant kien iħobb it-tfakkir t'Alla li għal dawn l-iskopijiet ukoll huwa ssostitwixxa t-tifħir u t-tfakkir t'Alla minflok iċ-ċapċip tal-idejn. F'okkażjoni partikolari, minħabba li nqabad f'biċċa xogħol importanti, u l-ħin tas-servizz li kien imiss kien fil-qrib, huwa ordna li Abu Bakr[ra] (wieħed mid-dixxipli tiegħu) imexxi t-talb.

Ftit tal-ħin wara huwa kien lest mill-biċċa xogħol li kien qiegħed jagħmel u mar mill-ewwel lejn il-moskea. Abu Bakr[ra] kien qed imexxi t-talb iżda meta n-nies indunaw li wasal il-Qaddis Profeta Muħammad[sa], huma bdew iċapċpu kemm biex juru l-ferħ tagħhom għall-wasla tiegħu kif ukoll biex jiġbdu l-attenzjoni ta' Abu Bakr[ra] għall-fatt li kien wasal il-Profeta[sa] nnifsu. B'hekk Abu Bakr[ra] waqaf u rtira biex il-Qaddis Profeta[sa] jkompli bit-talb hu.

Meta ntemm it-talb, il-Profeta[sa] ħares lejn Abu Bakr[ra] u staqsieh: "Għaliex warrabt wara li ordnajtlek biex tmexxi t-talb?" Abu Bakr[ra] wieġeb: "Ja Messaġġier[sa] t'Alla! Jixraq li bin Abu Quhafa[ra] jmexxi t-talb fil-preżenza tal-Messaġġier t'Alla?"


Kamelia Ilieva | Shutterstock

Imbagħad waqt li indirizza lin-nies il-Profeta[sa] qal: "Għalfejn ċapċaptu? Mhuwiex sewwa li waqt li qed titolbu lil Alla intom iċċapċpu.

**Jekk jiġri li waqt it-talb l-attenzjoni tagħkom taqa' fuq xi ħaġa oħra, minflok iċċapċpu għandkom tlissnu b'leħen għoli l-isem t'Alla. Dan għandu jiġbed l-attenzjoni għal dak kollu li għandna nagħtu kas."**[(ii)]

(ii) Ħażrat Mirża Bashiruddin Maħmud Aħmad[ra] – it-Tieni Suċċessur tal-Messija Mwiegħed u Maħdi[as], *Life of Muhammad[sa]*, p. 205-206

# L-ARROGANZA

Alla jgħid fil-Koran Imqaddes: **"Timxux bl-arroganza fuq din l-art, għaliex ma tistgħux taqsmuha f'biċċiet, u lanqas ma tistgħu tilħqu l-quċċata tal-muntanji."** (17:38)

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal: "Kull min għandu ġewwa qalbu bit-toqol ta' żerriegħa tal-mustarda ta' kburija (arroganza), mhuwiex se jitħalla jidħol fil-Ġenna. U kull min għandu ġewwa qalbu bit-toqol ta' żerriegħa tal-mustarda ta' fidi, mhuwiex se jitħalla jidħol fin-Nar."[iii]

"Jekk inti għandek xi kwalità speċjali, tużahiex biex turi l-arroganza, għaliex tbiegħdek mill-għemejjel ġusti u ma tkunx tista' tibqa' tagħmel progress. Persuna bħal din tibda taħseb li laħqet livelli għolja u b'hekk ma tkunx tista' timxi 'l quddiem.

It-tieni tifsira f'dan [il-vers] hija li l-progress tal-bniedem huwa bla dubju progress uman u wieħed għandu jifraħ b'tali mod li jixraq lill-bniedem. Il-bniedem għandu dejjem jiftakar li jkunu kemm ikunu kbar il-kisbiet tiegħu, mhumiex kapaċi li jċarrtu l-art, il-għaliex huma ta' din id-dinja."[iv]

---

[iii] *Jami Al-Tirmidhi, Kitab Al-Birr Wa Al-Silah*
[iv] Ħażrat Mirża Bashiruddin Maħmud Aħmad[ra], *Tafsir-e-Kabir*, vol. 4, p. 335

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**